MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2013

Numru. 18/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs.**

**Andrew Schembri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Andrew Schembri ta' 22 sena, bin Mario u Denise nee Degiorgio, imwieled Pieta nhar it-18 ta' Ottubru 1983, u residenti 21 Palma, Triq it-Trunciera t-Twila, San Gwann, detentur tal-Karta tal-Identita 534083 (M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-23 ta' Lulju 2006

a) kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din

ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) kellu fil-pussess tieghu l-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Wara li semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fil-kaz odjern, il-prosekuzzjoni qed tallega li l-imputat kien qed ipejjep joint tal-cannabis go party f'Gianpula, pero l-imputat qieghed jichad dan. Ghalhekk, din il-Qorti trid tara jekk il-prosekuzzjoni irnexxiliex tipprova l-kaz taghha lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

Mhux kontestat li fit-23 ta' Lulju 2006 l-imputat kien qieghed jattendi party f'Gianpula. Ghalkemm kien hemm eluf ta' nies fil-party, kienu mqassmin go kampijiet qishom tal-Indjani, u l-imputat kien bil-qieghda mal-art f'cirku ma' xi hmistax (15)-il persuna ohra.

PS914 Ivan Mifsud xehed li hu kien qieghed xoghol fil-party flimkien ma' SM45 Marisa Bartolo, meta innotaw guvni u dan il-guvni *"kif rana kellu sigarett f'halqu u kif rana xehtu tahtu."* Huma qajmuh bil-wieqfa u tahtu sabu sigarett suspettat joint, u skont dan ix-xhud ma kien hemm xejn iktar taht dan il-guvni, hlief dan is-sigarett. Ix-xhud ftakar li l-guvni kien Andrew Schembri u l-karta tal-identita tieghu, pero ma gharafx lill-imputat b'certezza waqt li qed jixhed fl-awla. Ix-xhud gharaf u kkonferma d-dettalji fuq it-tag li saret mas-sigarett li instab. Ix-xhud qal ukoll, li dak il-hin li gie arrestat l-imputat beda jichad li s-sigarett kien tieghu.

Ex SM45 Marisa Bartolo xehdet li ma kienitx tiftakar li dak in-nhar kienet xoghol Gianpula. Pero ftakret li l-imputat kien qieghed go speci ta' kamp, *"qisu gypsy u indjani"* imdawwrin cirku. Hi xehdet li rawh ipejjep u l-imputat xehet is-sigarett mal-art. X'hin gieluh iqum indunaw li ma kienx sigarett normali. Ix-xhud ma kienitx certa mill-identita tal-imputat fl-awla, pero xehdet li l-persuna li hadulu l-particulars tieghu, huwa l-istess persuna li rema' s-sigarett. Ix-xhud xehdet li l-imputat rema' s-sigarett tahtu, u tahtu dak is-sigarett biss instab.

Fir-rapport tieghu,[1] l-espert spizjar Mario Mifsud ikkonkluda li *"fis-speci ta' sigarett tal-brim li kien hemm fid-dokument 035/10/01 ma nstabitx fih is-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC) imma instabu fih zewg Cannabinoids ohra li kienu l-Cannabidiol u l-Cannabinol. Dawn iz-zewg sustanzi jinstabu fil-pjanta tal-Cannabis. Ghaldaqstant, is-speci tas-sigarett tal-brim li kien hemm fid-dokument 034/10/01 kien joint tal-Cannabis."*

Id-difiza ma resqitx provi, pero fl-istqarrija tieghu mehuda a temp vergine, l-imputat cahad li l-joint li sabu l-pulizija mal-art kien tieghu jew li kien ramieh hu.

Fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti, meta wiehed jaqra flimkien ix-xhieda moghtija miz-zewg ufficjali tal-pulizija, ma tara l-ebda raguni valida ghaliex ix-xhieda taghhom ghandha tigi skreditata u m'ghandhiex tigi emnuta. Huwa vera li z-zewg pulizija ma kienux kapaci jaghrfu b'certezza lill-imputat fl-awla, pero wiehed irid jikkonsidra li dawn il-pulizija raw lill-imputat darba biss kwazi hames snin qabel ma xehdu. Fil-verita, din il-Qorti kienet tkun sorpriza kieku dawn iz-zewg ufficjali tal-pulizija xehdu li wara dawn is-snin kollha kienu qed jgharfu lill-imputat b'certezza. Pero id-dettalji fuq it-tag tas-sigarett/joint li instab jaqblu mad-dettalji u l-karta tal-identita tal-imputat.

Mir-rapport tal-espert Spizjar Mario Mifsud jirrizulta li dak is-sigarett li instab kien originarjament joint tal-cannabis, pero minhabba t-trapass taz-zmien bejn meta instab il-

[1] Dok MM1 a fol. 29 tal-process.

joint (2006) ghal meta saret l-analizi (2011), is-sustanza cannabis iddegenerat f'zewg sub-substances u cioe cannabinol u cannbinoid li huma derivattivi tat-THC.

Fid-dawl tas-suespost din il-Qorti hija konvinta li l-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova sal-grad rikjest fil-kamp kriminali li s-sigarett migbur mill-art taht l-imputat kien effettivament qed ipejjpu u ramieh l-istess imputat, u li dak is-sigarett fiz-zmien tal-incident kien effettivament joint tal-cannabis.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat ikkopera mal-pulizija, u li l-fedina penali tieghu ghalkemm mhix netta, lanqas hi allarmanti;

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 8(d), 22(1)(a), 22 (2) (b) (ii) tal-Kap 101, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' hames mitt Euro (€500.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50.00), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-1 ta' April 2013, b'dan li jekk l-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Il-Qorti tordna lill-hati ihallas ukoll l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna li d-droga ezebita tigi distrutta taht is-supervizjoni tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------